**MINUTI**

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ix-Xagħra

Id-Disa' Leġislatura

**Laqgħa Numru Għaxra (10)**

**30 ta' Jannar 2025**

Il-Kunsill Lokali Ix-Xagħra ltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu li jinsab fi Triq It-Tiġrija. Il-laqgħa tal-kunsill bdiet fil-17.45 ta' filgħaxija. Dan minħabba li bejn il-17.30 u t-17.45 l-Kunsill laqa' t-talba ta' residenta li xtaqet twassal l-ilment tagħha.

**PREŻENTI:**

**Victor Curmi- Sindku**

**Dr Francienne Muscat- Kunsilliera**

**Marion Rita Portelli- Kunsilliera**

**Dr Christian Zammit- Kunsillier**

**Leanne Micallef- Kunsilliera**

**Dr Kevin Cutajar- Kunsillier**

**ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

**Aaron Aġius – Viċi Sindku**

**ASSENTI:**

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Heidi Grech – Segretarju Eżekuttiv

**10.1 Talba**

Intqagħlet talba tal-bidu flimkien. Is-Sindku s-Sur Victor Curmi ippresieda l-laqgħa.

**10.2 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;**

Il-Kunsill irċieva ittra t'aploġija mill-Viċi Sindku Aaron Aġius li ma setgħax jattendi minħabba ċirkustanzi personali. Din l-apoloġija ġiet aċċettata bil-Viċi Sindku jiġi skużat mil-laqgħa.

**10.3 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti Nru 9 u Skeda ta' Pagamenti 1;**

Il-minuti tal-Laqgħa Nru 9 ġew approvati, ffirmati u ddikjarati bħala dokumenti uffiċċjali. L-Iskeda ta' pagamenti Nru 1 ġew iċċirkolati minn qabel u għalhekk kienu meqjusa moqrija. Dawn ġew approvati unanimament.

**10.4 Komunikazzjoni tas-Sindku u mistoqsijiet tal-Kunsilliera;**

Is-Sindku issuġġerixxa li l-Kunsill jibgħat ittra ta' ringrazzjament lil Arċipriet Rev. Richard Nazzarenu Farruġia kif ukoll lil Amministratur Parrokjali Rev. Alex Farruġia . Il-Kunsillier Kevin Cutajar issuġġerixxa li tintbgħat ittra oħra ta' ringrazzjament lil Pulizija tal-Kommunita' Josef Saliba. Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

Is-Sindku ssuġġerixxa li fuq talba tar-residenti, l-lezzjonijiet tal-Keep Fit jiżdiedu għal darbtejn fil-ġimgħa. Kien hemm qbil dwar dan.

Is-Sindku ppropona li ssir talba lil TM biex is-squq li hemm fi Triq Parisott jsir One-way. Din se terġa tiġi diskussa fil-laqgħa li jmiss.

**Mill-Kunsilliera Francienne Muscat:**

- Ressqet proposta biex issir Sleeping police fi Triq Brieret għal Triq Karakar minħabba li qed ikun hemm konġestjoni tat-traffiku. Se tkun qed tipprovdi pjanta tal-area. Kien hemm qbil ma dan.

- Staqsiet dwar jekk kienx hemm interess fl-ebikes. Is-Sindku ssuġġerixxa li minħabba li ma rċivejniex interess u anka minħabba l-fatt li l-ispejjeż għal manutenzzjoni tagħhom ma hix żgħira, jkun aħjar jekk intuhom lura lir-Reġjun. Is-Seg. Eżekuttiv issuġġeriet li naraw sew x'jgħid il-kuntratt ta' bejn il-Kunsill u r-Reġjun u terġa tiġi diskussa. Kien hemm qbil dwar dan.

- Semmiet li hemm bżonn issir it-talba lil MGP sabiex isir Sqaq tan-Nenus u Sqaq ix-Xagħrin. Kien hemm qbil dwar dan.

- Ressqet il-bżonn li titranġa Triq il-Pergla. Is-Sindku talab lis-Seg. Eżekuttiv sabiex naraw jekk din it-triq hix inkluża biex issir mill-fondi tal-ERDF.

- Uriet ix-xewqa li terġa ssir Clean Up oħra mat-tfal tal-iskola.

- Ressqet ukoll ix-xewqa li hemm applikazzjoni li tagħlaq f'Mejju dwar il-Mobilta' u ssuġġeriet li ssir xi ħaġa bir-roti. Kien hemm qbil li għandha tiddiskuti din il-possibilta' mas-Surmast tal-iskola u tinforma lill-Kunsill.

- Ressqet talba għal sinjali sofor fi Triq il-knisja f'salib it-toroq ma Triq Bullara. Is-Sindku se jiċċekja dwar dan.

- Staqsiet dwar il-floodlights tal-knisja. S-Sindku nfurmha li dawk huma tal-Ministeru għal Għawdex. Il-Kunsill se jressaq it-talba lill-Ministeru biex isiru floodlights ġodda.

**Mill-Kunsillier Kevin Cutajar:**

- Wara li l-Kunsill sema t-talba tar-residenta, ġie maqbul li titressaq it-talba għal kunsiderazzjoni ta' TM, li jiġu limitati l-vetturi Industrijali li jgħaddu minn Triq it-28ta' April 1688, Xagħra.

- Staqsa jekk kienx hemm żvilupp dwar il-kanal ta' Ċini. Is-Sindku nfurmah li wara li ltaqa mal-Perit tal-Kunsill, kellmu kuntrattur u għandu jitwessa l-gandott li ħiereġ minn ġos-squq. ,

- Fakkar fi street marking – Go Slow, li kellha ssir fi Triq Marsalforn. Is-Seg. Eżekuttiv se tkun qed tikkomunika ma Transport Malta.

- Staqsa dwar il-Cats Signs. Is-Seg. Eżekuttiv infurmatu li dawn saru.

- Tah update dwar is-Sotto Kumitat li ltaqa biex jiddiskuti d-disability issues. Spjega li f'dan il-kumitat kien hemm qbil li biex ikun aktar effettiv hemm bżonn li jiżdied l-awareness. Għalhekk ipprepara l-ewwel post pero s-Sindku ma kienx qabel miegħu. Is-Sindku spjega li jaqbel mal-awareness pero' l-post ikun aħjar jekk jsirlu ftit tibdil biex ma jiġix miftiehem li ż-żibel ma jistax jitħalla fuq il-bankina. Ġie ssuġġerit li l-post għandu jenfasizza aktar fuq il-bżonn li ma tiġix imblukkata l-bankina.

Semma wkoll li ġie diskuss il-bżonn li fix-Xagħra diġa ma hawnx postijiet biżżejjed għat-tfal u hemm bżonn ħafna ta' post adekwat għat-tfal b'diżabilta'. Żid jgħid li l-membri irringrazzjaw lill-Kunsill ta' din l-opportunita' u jixtiequ li dawn il-laqgħat jibqgħu jsiru. Informa lill-membri li s-sotto kumitat se jerġa jiltaqa fl-1ta' Marzu 2025.

- Fakkar fil-bżonn li ssir rampa fit-tarf tal-bankina mal-posta.
- Semma l-importanza li nitkellmu mal-Kuntrattur li qed jagħmel ix-xogħolijiet fi Triq Stellini. Dan biex nisguraw li l-bankini se jsiru sew. Kien hemm qbil li nitolbu lill-kuntrattur jipprovilna d-disinn u l-livelli tal-bankini.

**Mill-Kunsilliera Marion Portelli**

- Staqsiet jekk hux se jsir Clinic fix-Xagħra. Is-Sindku nfurmha li qed jaħdem fuqha.
- Staqsiet dwar l-applikazzjonjiet tal-Lifelonglearning. Is-Seg. Eżekuttiv infurmatha li kif kien ġie maqbul, il-Kunsill ma applikax.
- Ipproponiet li jiġu offruti l-korisjiet tal-komputers. Kien hemm qbil li meta joħroġu l-applikazzjonijiet, noffru korsijiet bħal dawk ta' TCTC.
- Issuġġerriet li ntellgħu posts regolari fuq il-midja soċjali dwar il-progress taċ-Ċentru Ċiviku. Kien hemm qbil ma dan.

**Mill-Kunsilliera Leanne Micallef**

- Issuġġeriet li jkun tajjeb jekk isir programm ta' servizzi li jistgħu jiġu offruti lill-kommunita' bħal ma huwa s-servizz tal-ispeech.
- Ressqet talba għal linji sofor fin-Nazzarenu. Se tinforma lir-resident biex japplika l-kunsill.
- Fakkret fil-bżonn li jsir playingfield in-Nazzarenu u se tibgħat id-disinn lis-Seg. Eżekuttiv biex dan jgħaddi lill-Perit. Issuġġeriet li ngħaddu l-estimi u d-disinn lill-Ministeru Għal Għawdex sabiex ningħataw għajnuna finanzjarja għal dan il-proġett.
- Semmiet li fi Triq Gajdoru qed ikun hemm ħafna ħadid barra u għalhekk issuġġeriet li ninfurmaw b'dan lill-Pulizija tal-Kommunita'.

## 10.5 Attivitajiet Soċjo-Kulturali – Il-Karnival, l-Għid il-Kbir u Jum ix-Xagħra;

Is-Sindku ppropona li toħroġ sejħa ta' nteress għall-armar tad-dwal tal-Milied 2025. Kien hemm qbil unanimu sabiex is-sejħa tintbgħat lill-għaqdiet kollha fix-Xagħra. Dawk interessati jinfurmawna sal-aħħar ta' Frar u b'hekk jkunu jistgħu jibdew id-diskussjonijiet.

Ġiet diskussa l-attivita' ta' Jum ix-Xagħra. Is-Sindku ppropona li ninvolvu aktar lin-nies u lill-għaqdiet. Ġew diskussi l-possibiltajiet li jingħataw rikonoxximenti oħrajn. Għalhekk, kien hemm qbil li dan kif ukoll id-data tal-attivita' għandha tiġi deċiża wara li kulħadd jaqsam l-idejat b'imejl. Din għandha terġa titpoġġa fuq l-Agenda tal-laqgħa li jmiss.

Is-Sindku nforma lill-membri li l-Kunsill ġie notifikat b'ittra datata 18ta' Jannar li l-applikazzjoni tal-Kunsill għal finanzjament Karnival 2025 bħala parti mill-iskema SPI/SCI/08/24 instabet eleġibbli u l-Kunsill ser jingħata l-ammont ta' €5000 sabiex tittella din l-attivita' kulturali fix-Xagħra.
Is-Sindku ssuġġerixxa li apparti dawk li ser jipparteċipaw fis-serata tal-Karnival li ser tittella fin-Nazzarenu kif ukoll fil-Pjazza, din is-sena ssir ukoll kompetizzjoni tal-isbaħ

kostum. Kien hemm qbil li jsiru tlett kategoriji, kategorija taż-żgħar – 3-10 snin, kategorija taż-żgħażagħ – 11-16 il-sena kif ukoll kategorija tal-adulti. Dawn għandhom jiġu esebiti l-Ħadd fil-Pjazza. Kien hemm qbil li bħala premjijiet jingħata token li jissarraf f'riżorsi edukattivi. Il-Kunsilliera Leanne Mifsud ressqet it-talba tal-Kummittiva li jixtieq jiltaqa mal-Kunsill biex flimkien jiġi diskuss kif nistgħu niġbdu aktar nies lejn il-Karnival. Il-Kunsill laqa t-talba tal-Kummittiva u se jkun qed ikun infurmat bid-data ta' din il-laqgħa. Bħala preżentatriċi kien hemm qbil li l-Ħadd jippreżenta is-Sur Stephan Bajada filwaqt li s-Sibt jippreżenta s-Sur Joe Louis. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-membri li ser jingabru l-kwotazzjonijiet għas-servizz tas-sound għaż-żewġ serati.

Fuq proposta li għamel is-Sindku, għal Jum San Valentino fejn se jiġi organizzat attivita' zgħira fil-Pjazza, ppropona wkoll sabiex jieħdu ħsiebha L-Gozo Half Marathon minħabba li l-Kunsill ma kienx irċieva nteress minn għaqdiet oħrajn. Kien hemm qbil ukoll li l-Cordia String Quartet joffru s-servizz ta' vjolinist fis-sigħat ta' filgħaxija fil-Pjazza.

Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-membri li l-Kunsill ġie notifikat b'ittra datata 14ta' Jannar li l-applikazzjoni tal-Kunsill għall-finanzjament marbut ma attivita' tal-Għid ġiet approvata u għalhekk il-Kunsill se jkun qed jingħata l-ammont ta' €1000 sabiex tittella din l-attivita' relatata mal-Għid il-Kbir. Kien hemm qbil li toħroġ sejħa ta' interess indirizzata lill-għaqdiet kollha tax-Xagħra biex b'kollaborazzjoni mal-Kunsill tittella din l-attivita'.

### 10.6 Sleeping Police

Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat l-korrispondenza li saret ma Transport Malta li jinkludu l-proposti tal-Awtorita' dwar iż-żewġ sleeping police li talab il-Kunsill. Dawn huma dwar sleeping police fi Triq G. Diacono u oħra fi Triq il-Kortoll. Il-membri preżenti qablu unanimament mal-proposti ta' Transport Malta u għalhekk il-kunsill se jkun qed jipproċedi dwar dan.

Il-membri talbu dwar l-istadju ta' Traffic Management li kellu jsir dwar l-aħħar parti ta' Triq Marsalforn. Is-Seg. Eżekuttiv ħadet nota u se tkun qed titkellem mal-Perit tal-Kunsill. Il-Kunsillier Christian Zammit issuġġerixxa li nitkellmu wkoll mal-Perita Mariella dwar studju li kien sar.

### 10.7 Ħruġ u għoti ta' Offerti;

Is-Sindku ippropona li l-Kunsill joħroġ sejħa biex titranġa temporanjament Triq Karkar, il-biċċa fejn l-aktar li tinsab mħarbta. Kien hemm qbil unanimu tal-membri preżenti li tinħareġ sejħa biex din il-parti tat-triq titqaxxar u ssir bis-ciment. Eventwalment meta x-xogħolijiet kollha ta' kostruzzjoni jkunu lesti tinħareġ sejha sabiex it-triq kollha tiġi

kostruwita mill-ġdid. Kien hemm qbil li nitolbu l-Perit tal-Kunsill jipprepara l-estimi u tinħareġ is-sejħa kemm jista jkun malajr. Is-Sindku ssuġġerixxa li għandha ssir talba għal-laqgħa mal-Onorevoli Ministru għal Għawdex. Kien hemm qbil dwar dan. Is-Sindku nforma lill-membri li x-xogħolijiet fi Triq Stellini huma mexjin.

Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-membri li kif kien ġie maqbul fil-laqgħa preċedenti beda s-servizz ta' knis ta' toroq kollha fix-Xagħra u kważi inkinsu kif ukoll inqata l-ħaxix ma kullimkien. Ġie diskuss li hemm bżonn li tinħareġ sejħa għal servizz ta' knis kemm jista jkun malajr ħalli s-servizz jibqa għaddej. Ġie diskuss li dan is-servizz qed jirrifletti f'toroq aktar nodfa u għalhekk kien hemm qbil unanimu tal-membri preżenti sabiex nagħmlu li hemm bżonn ħalli dan is-servizz jibqa għaddej. Is-Seg. Eżekuttiv ħadet nota u se jsiru l-preparamenti għas-sejħiet rispettivi.

Is-Seg. Eżekuttiv infurmat lill-membri li wara li għaddew diversi imejls li waslu għal qbil fuq tibdil meħtieġ fl-MOU ippreparat minn Circular Economy Malta, dan l-agreement se jiġi ffirmat fil-ġranet li ġejjin. Is-Sindku reġa ressaq għad-diskussjoni ir-rilokazzjoni tal-BCRS. Il-Kunsillier Christian Zammit semma li hemm resident li jinsab ferm urtat bil-preżenza tal-magna qrib ir-residenza tiegħu. Ġew diskussi diversi siti oħrajn pero' huwa mportanti li jkun post b'distanza adegwata mir-residenti. Għalhekk, is-Sindku issuġġerixxa lill-membri sabiex jaħsbu dwar postijiet oħra u jressquhom fil-laqgħa li jmiss. Fakkar li l-post jrid jiġi approvat minn TM kif ukoll mikll-BCRS, filwaqt li wieħed irid jara xi spiża tinvolvi minħabba li l-ispejjeż kollha relatati mar-rilokazzjoni jridu jkunu ffinanzjati mill-Kunsill.

Kien hemm qbil unanimu mill-membri preżenti sabiex nipproċedu bis-sejħa għall-offerti għas-servizz ta' tbattil tal-ismart bins.

Kien hemm qbil sabiex nitkellmu mal-Avukat tal-Kunsill dwar l-Bye-Law tar-Ramla l-Ħamra. Is-Segretarju Eżekuttiv ħadet nota dwar dan.

Is-Sindku nforma lill-membri preżenti li l-Kunsill irċieva l-approvazzjoni tal-varjazzjonijiet meħtieġa biex jitkompla l-proġett taċ-Ċentru Ċiviku. Kien hemm qbil sabiex jekk hu possibli jinstab post alternattiv għat-tower crane minflok ma jitpoġġa fi Vjal it-8ta' Settembru. Is-Sindku se jkun qed jinforma lill-Kunsill b'updates fil-laqgħa li jmiss.

### 10.8 Proġett Skema LESA – CCTV Cameras

Is-Sindku semma li r-rapport li preżenta s-Surġent intbgħat lil kulħadd ftit ġranet qabel il-laqgħa. Ġie diskuss li hemm diversi toroq li ma humiex imniżżla u kien hemm qbil li għandhom jitniżżlu wkoll. Is-Seg. Eżekuttiv ħadet nota ta' dan u se tressaq it-talba lis-Surġent biex ir-rapport jiġi rivedut u jinkludi wkoll dawn it-toroq. Kien hemm qbil sabiex l-Inġinier Simon Mizzi jipprepara l-BOQ u l-

istima biex wara tkun tista titressaq għall-approvazzjoni tal-LESA u eventwalment tinħareġ is-sejħa għall-offerti.

**10.9 Stedina – Republic of Kosovo**

Is-Sindku nforma lill-membri preżenti li rċivejna stedina għal żjara ġewwa Kosovo mingħand is-Sindku ta' Rahovec. Din l-istedina qed issir biex naqsmu l-valuri u l-idejat komuni li jistgħu jwasslu għal ġemellaġġ bejn iż-żewġ lokalitajiet. L-istedina hija biex tlett membri mill-Kunsill tax-Xagħra jżuru l-villaġġ ta' Rahovec bejn it-28 u 31ta' Marzu 2025. Il-Kunsill se jkun qed jistieden lilhom sabiex ukoll iżuru l-lokalita' tax-Xagħra bejn l-14 u s-17ta' Marzu 2025. Il-membri preżenti qablu ma dan l-iskambju. Is-Sindku ssuġġerixxa biex min hu nteressat li jattendi jinfurmana b'imejl sa' l-għada tal-laqgħa biex jibdew bil-preparamenti.

**10.10 Qari tal-Korrispondenza u lmenti mir-residenti;**

- Korrispondenza dwar il-45th FECC Convention 2025 li se ssir fi Crotia bejn l-10 u s-17 ta' Mejju. Registrazzjoni tista ssir sal-15ta' Marzu 2025.

- Ittra datata 20 ta' Jannar dwar l-applikazzjoni li ssottometta l-Kunsill taħt Measure 4 – *Rejuvenating Gozo.* Ġejna notifikati li l-applikazzjoni ma kinitx eleġibbli mimnħabba numru ta' nuqqasijiet li ġew elenkati fl-istess ittra.

- Talba mingħand il-Fondazzjoni Hajja f'Għawdex sabiex il-Kunsill jerġa jabbona fir-rivista Il-Hajja f' Għawdex. Kien hemm qbil ma dan.

- Talba mingħand l-Għaqda Nar Xagħra sabiex tittella attivita' tal-Karnival ġewwa l-Każin tal-banda, b'kollaborazjoni mal-Kunsill nhar it-28ta' Frar. L-Għaqda qed titlob li nikkolaboraw l-ammont ta' €550 biex ikopru parti mill-ispejjeż tal-istess attivita'. Kien hemm qbil unanimu li nikkolaboraw mal-Għaqda Nar Xagħra għal din l-attivita' sa massimu ta' €550.

- Tfakkira mill-Ministeru tal-Agrikoltura, Said u Drittijiet tal-Annimali dwar il-parteċipazzjoni tal-Kunsill fl-iskema Ġonna fl-Urban. Dan minħabba li huwa iż-żmien addattat li jitħawwlu siġar ġodda. Talbiet għal rimbors jintlaqgħu sal-aħħar ta' Novembru 25. Il-Kunsilliera Leanne Micallef issuġġeriet li nkellmu lil Luke Said (NGO Siġar) sabiex jitħawwlu s-siġar fl-iskola. Is-Sindku ippropona li Said jitkellem mas-Surmast dwar dan. Il-Kunsillier Kevin Cutajar semma li NGO Siġar

kellhom talba biex jiltaqgħu mal-Kunsill u ippropona d-data tentattiva għal-10ta' Frar 2025. Kien hemm qbil li tgħaddi komunikazzjoni b'imejl dwar il-konferma tad-data.

- Stedina mingħand is-Sindku ta' Suhindo, Eng. Plamen Chernev, għal wine festival li se jsir fl-14ta' Frar 2025 f' Suhindol, fil-Bulgaria. Il-Kunsill ħa nota ta' dan.

- Applikazzjoni PA/00049/25 – Wara li ġiet ċirkulata imejl bejn il-membri tal-Kunsill u dan minħabba li oġġeżżjonijiet kienu jintlaqgħu sat-30ta' Jannar, kien hemm qbil illi għandha tiġi sottomessa oġġezzjoni għal din l-applikazzjoni. Dan għaliex l-iżvilupp propost se jkun qed jiġi estiż f'żona li hija ODZ. Kopja ta' din il-korrispondenza qed tiġi hawn annessa u mmarkata bħala Annex A.

- Ittra mingħand *The Malta Foundation for the Wellbeing of Society* dwar proġett ta' Children's Council. Qed jipproġettaw li l-ewwel laqgħa tal-Kunsill issir f'Marzu 25. Kien hemm qbil li niddiskutu magħhom dwar dan il-proġett.

- Il-Kunsill irċieva talba mingħand resident biex jitneħħew diversi vetturi li jinsabu pparkjati fi Triq Karkar. Din it-talba ġiet riferuta lill-Puluzija tal-Kommunita li mill-ewwel ħa ħsieb. Kien hemm qbil li din għandha terġa tiġi diskussa fil-laqgħa li jmiss.

- Il-Pulizija tal-Komunita infurmana bi problema li hemm fi Triq Liberat Grech u fi Triq Sansuna li qed jkunu blokkjati bil-vetturi u l-vettura tal-posta ma tkunx tista tidħol. Il-Kunsill qabel li titressaq it-talba lil Transport Malta.

- Il-Kunsill irċieva l-ammont ta' €3000 li huwa l-fond ta' Aġġustament. Pjan konkret ta' kif ser jintefqu l-fondi jrid jasal id-Dipartiment tal-Gvern Lokali sal-31ta' Marzu 25.

- Talba minghand Connected Care Ltd sabiex jiltaqgħu mal-Kunsill dwar tariffi tas-servizz tat-telecare. Il-Kunsill ħa nota ta dan.

- Ittra mingħand residenta dwar Sqaq ix-Xagħri. Qed jistaqsu l-Kunsill jekk huwiex privat jew pubbliku minħabba li jinsab fi stat diżastruż. Kien hemm qbil li niċċekjaw mad-dipartiment tal-artijiet.

- Talba mingħand il-Kappillan tal-Knisja ta' Marsalforn, il- Kan. Mikiel Borg sabiex il-Kunsill jikkolabora biex tittella l-festa ta' San Pawl billi jipprovdi s-servizz tal-banda Vittorja tax-Xagħra. Kien hemm qbil unanimu ma dan.

- Saret it-talba għal bus shelter ġdid fi Triq l-Imqades u qed issir kommunikazzjoni ma l-Assoċċjazzjoni tal-kunsilli Lokali. Intalbu wkoll li jsiru żewġ bus stops ġodda fi Triq l-Għejjun u Triq Ġnien Imrik. Il-Kunsill ħa nota ta' dan.

- Talba mingħand il-membri tal-Mużew tan-Nisa fix-Xagħra sabiex tingħata għajnuna permess ta' kollaborazzjoni ħalli jitwettaq xogħol ta' tisbiħ fil-Mużew. Hija semmiet diversi xogħolijiet li saru u talbu l-għajnuna għat-tfal tax-Xagħra. Kien hemm qbil li l-Kunsill jikkolabora sa massimu ta' €500

- Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet l-performance bonus tal-Iskrivani, Josephine Sultana u Cheryl Bajada. Kien hemm qbil li jingħataw il-full, jiġiefieri, 6%. Is-Sindku ressaq ukoll il-Performance Bonus tas-Segretarju Eżekuttiv, Marion Attard kif ukoll tas-Segretarju Eżekuttiv Heidi Grech. Kien hemm qbil li s-Segretarju Eżekuttivi jingħataw il-massimu, jiġifieri 10%.

- Fl-20 ta' Jannar beda l-impjieg mal-Kunsill taħt l-iskema tas-CIES, is-Sinjur Izaak Vella. L-applikazzjonijiet għal vakanza ta' Assistant Principal waslet fit-tieni stadju u l-Kunsill irċieva lista ta' persuni li setgħu japplikaw sat-30ta' Jannar. Il-Kunsill ma rċieva ebda applikazzjoni u allura jkun imiss li tinfetaħ għall applikanti minn barra. Kien hemm qbil sabiex nipproċedu bis-sejħa.

- Bħala parti mill-attivitajiet relatati mal-Region of Culture, se tkun qed tittella re-enactment dwar il-Paroċċa li se tittella nhar il-Hadd, 2 ta' Frar bejn l-12.00 u n-12.30. Din se tkun imtella mill-Kunsill u l-Kunsill se jiġi rimbors sa massimu ta' €1000. Il-Kunsil ħa nota ta' dan.

- Irċivejna talba mill-Iscouts Group sabiex tinżabar is-siġra tal-ħarruba li tinsab isserraħ fuq il-bini tagħhom. Il-Kunsill ħa ħsieb iġib l-approvazzjoni meħtieġa mill-ERA u d-Direttorat Rurali fi ħdan il-MGP se jkun qed jassisti biex isir dan iż-żbir.

- Il-Kunsill irċieva talba għal kumpens mingħand Sinjura li qed tallega li weġġat saqajha quddiem residenza Għajn Damma fi Triq Marsalforn. Il-Kunsill talabha tippreżenta kopja taċ-ċertifikat mediku kif ukoll rapport tal-pulizija skont il-prassi stabbiliti fiċ-Ċirkulari Numru 3/2024. Tlabna wkoll il-parir legali mingħand l-avukat tal-Kunsill dwar dan il-każ. Kien hemm qbil li nimxu mal-parir legali tal-Avukat tal-Kunsill u mingħajr preġudizzju noffru pagament ex-gratia ta' mhux aktar minn €150.

- Skema ta' tħaddir mnedja minn Project Green bil-għan li tkompli ssebbaħ lil-pajjiżna. Qed tistieden lil kull kunsill biex jidentifka toroq arterjali, sekondarji jew rurali kif ukoll spazji fejn diġa hemm il-ħamrija u fejn jistgħu jitwaħħlu siġar b'mod immedjat. Malli jirċievu din l-informazzjoni, se jkun qed isir kuntatt mall-kunsill biex jiġi ppjanat u organizzat il-proċess. L-ispejjeż kollha assoċjati ma' din l-attivita' tat-tħawwil ta' siġar u arbuxelli ser ikunu ffinanzjati minn Project Green. It-tisqija u l-manutenzjoni tas-siġar għal perjodu ta' ħames snin se jkunu wkoll

taħt ir-responsabbilta' tal-Aġenzija. It-tweġiba tal-Kunsill trid tkun sottomessa sal-Ġimgħa 21ta' Frar 25. Il-Kunsill ħa nota ta' dan.

- Tressqu talbiet oħrajn mingħand residenti:
  1. Talba għal tibdil ta'pipijiet al-ilma fi Triq l-Għejjun(07)
  2. Linji sofor fi Triq Mannar(06)
  3. Linji sofor fi Triq l-Għejjun(05)
  4. Mera fi Triq Nenus(04)
  5. Talba għal mantenzzjoni ta' Triq l-Ghejjun(03)
  6. Tiġdid ta' Linji sofor(02)
  7. Jerġa jinbena ħajt fi triq Marġa u talba għal sleeping police(01)
  8. Talba għal poles/ganċijiet fejn jiddendel l-iskart (12)
  9. Parking fi Triq Sansuna (10)
  10. Talba mingħand resident għal linji sofor ta' metru ma ġenb garaxx fi Triq Sant Anton, Xagħra.
  11. Imejl mingħand resident fejn qed jitlob biex jitranġaw il-ħsarat li hemm fi Triq Bullara.
  12. Residenta talbet li jsiru xogħolijiet fit-tieni Sqaq li jinsab fi triq 28ta' April minħabba li jinsab kollu ħofor kif ukoll katusi tad-dranaġġ mikxufin. (Guza Borg – Tal landir)
  13. Talba sabiex bozza fi triq Bullara tinbidel ma waħda li turi aktar.

- Ġew ippreżentati l-kwotazzjonijiet għal akkwist ta' sistema ta' PABX u laptop. Kien hemm qbil li nimxu mal-aktar offerta vantaġġjuża.

## 10.11 Tmiem il-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

Il-laqgħa ntemmet fit-22.10pm u ġiet aġġornata għall-Ħamis, 6 ta' Marzu 2025 fl-17.30

Konfermati illum ________________________________

**IFFIRMATA**

______________________

**Victor John Curmi**
**Sindku**

**IFFIRMATA**

______________________

**Heidi Grech**
**Segretarju Eżekuttiv**